# NAFU BIŻŻEJJED DWAR L-ISTORJA TA' PAJJIŻNA?

Kitba ta' **CLIFFORD GALEA**

> **"Fid-Domus instab ukoll fuħħar domestiku, utensili użati fuq il-mejda ta'l-ikel impurtati mill-Italja u mill-Afrika ta' Fuq, vażetti żgħar tal-ħġieġ għall-fwejjaħ u l-mediċina, splenguni magħmulin mill-għadam, lampi taż-żejt u oġġetti użati għall-kitba**

Malta għandha storja rikka u rrakkmata b'diversi ġrajjiet. Malta għalkemm hija gżira, kellha sehem importanti ħafna f'dak li kien ikun qed jiġri fil-Mediterran. Diversi potenzi kbar iġġieldu biex jaħkmu lil Malta. Dan m'għamluhx għar-riżorsi naturali ta' Malta għax minn dawn ftit li xejn hawn, imma għall-pożizzjoni strateġika li din id-daqsxejn ta' gżira tinsab fiha. Kull ħakma li ġiet Malta ħalliet xi marka fuq l-istorja tagħha u dawn il-marki jagħmluna n-nazzjon li aħna llum.

Madwar 300 sena qabel twieled Kristu, fil-Mediterran qamet pika kbira bejn il-Griegi, il-Kartaġiniżi u r-Rumani. Din il-pika wasslet għal tliet Gwerer Puniċi. Il-Gwerer Puniċi kienu gwerer bejn il-Kartaġiniżi u r-Rumani. Malta waqgħet f'idejn ir-Rumani fit-tieni Gwerra Punika. Meta maż-żmien l-Imperu Ruman inqasam fi tnejn peress li kiber ħafna, naħa waħda kienet magħrufa bħala l-Imperu Ruman tal-Lvant u l-oħra tal-Punent. Malta kienet tagħmel parti mill-Imperu tal-Lvant, li kien jissejjaħ Biżantin.

Fi żmien ir-Rumani Malta kienet magħrufa bħala Melita u Għawdex, bħala Gaudisium. Instabu flus bil-kitba Melitaion u Gayliton; li jfissru Malta u Għawdex bil-Grieg. Dan jurina li r-Rumani kienu jużaw kemm il-lingwa Latina kif ukoll il-Grieg.

Ir-Rumani ġabu ħafna progress fil-Gżejjer Maltin. Xhieda ta' dan il-progress huma l-vilel Rumani li sibna mxerrdin ma' Malta u Għawdex. F'dawn il-vilel kien jingħasar iż-żebbuġ biex minnhom nieħdu ż-żejt. Dawn il-vilel Rumani jinsabu (a) Ta' Kaċċatura - Birżebbuġa (b) San Pawl Milqgħi – Burmarrad (c) iż-Żejtun - fejn hemm skola (d) ir-Ramla l-Ħamra – Għawdex. Mehrież, għodda għall-għasir taż-żebbuġ instab waqt l-iskavi fil-villa Rumana ta' San Pawl Milqgħi.

Il-Banjijiet Rumani (Thermae) ta' Għajn Tuffieħa wkoll juru dan il-progress li sar fi żmien ir-Rumani. Hawn kienu anke jsaħħnu l-ilma. Il-banjijiet kienu mżejna bil-mużajk u l-art iċċangata bil-madum. Xi kmamar kienu (a) apodutera – fejn tbiddel (b) latrina komuni (ċ) calidarium – kmamar imsaħħna (d) frigidarium – kamra kiesħa (e) sudarium – kamra bl-istim. Kien hawn, fis-sudarium li nstab l-aħjar mużajk. Dan il-mużajk huwa ittraskurat u qed issirlu ħsara kbira mill-elementi (riħ, xita, maltemp, xemx). Xi kmamar tal-konkos li nbnew biex jipproteġu l-mużajk iktar għamlu ħsara milli ġid.

F'Malta nstabu wkoll diversi tempji li kienu jintużaw mir-Rumani għall-qima u r-reveranza lill-allat. Uħud minn dawn kienu; it-Tempju ta' Ġuno f'Tas-Silġ, kellhom it-Tempju ta' Proserpina fl-Imtarfa u t-Tempju ta' Apollo fir-Rabat Malta. L-ewwel fdal tal-Insara f'Malta kienu l-Katakombi, li kienu użati għad-dfin u dawn bdew jitħaffru wara s-sena 300 W.K. meta l-Imperatur Kostantinu sar Nisrani.

Melita jew aħjar il-belt kapitali ta' din il-gżira f'dan il-perjodu, kienet ikbar mill-Imdina tal-lum. Wieħed għadu jista' jara parti mill-ħajt Ruman tal-belt antika Melita faċċata tal-isptar ta' Santu Spirtu. Il-belt Rumana kibret bla pjan u t-toroq ma kinux dritti. L-idea ta' belt iffortifikata kienet importanti ħafna għar-Rumani minħabba li b'hekk kien ikollhom mezz ta' difiża fil-każ li kellu jersaq l-għadu tagħhom.

Il-belt ewlenija t'Għawdex kienet fiċ-ċentru tal-gżira. Waqt it-tħaffir tal-pedamenti biex jinbena l-katidral t'Għawdex fl-1702 instabu fdalijiet tat-tempju ddedikat lil Ġuno. Għawdex sibna wkoll oqbra u vilel rustiċi. L-iktar villa magħrufa hi dik tar-Ramla l-Ħamra. Din kellha sistema ta' banjijiet u l-art tal-mużajk. Skavi fil-bajja tax-Xlendi (1961) tawna l-fdalijiet ta' żewġ xwieni tal-merkanzija mimlija amfori tas-sekli 5 u 6 W.K. Instabet ukoll ankra li kienet magħmulha kemm mill-injam kif ukoll mill-ħadid.

### Domus Romana u fdalijiet oħra

L-aqwa fdal ta' arkitettura Rumana nsibuh fid-Domus tar-Rabat. Minn dak li nstab naħsbu li din kienet dar ta' wieħed sinjur. Id-Domus ġiet skavata fl-1881. Kienet tintuża fl-ewwel seklu W.K. probabbilment minn xi persuna Maltija importanti jew minn xi Ruman innifsu. Fid-domus insibu kolonni doriċi u kmamar dekorati bil-mużajk. Il-mużajk misjub Malta naraw fih disinji ġeometriċi kif ukoll emblemi. Emblemi huma figuri ta' bnedmin, annimali jew fjuri magħmulin minn bċejjeċ tal-ġebel u ħġieġ ikkulurit fin-nofs. Fid-domus insibu wkoll għadd ta' statwi u busti ta' persuni prominenti, fosthom imperaturi Rumani u n-nisa tagħhom. L-ammont ta' statwi li nstabu juru li min kien joqgħod fil-villa kien persuna importanti, aktarx imdaħħal fil-politika jew fin-negozju. Fid-domus instab ukoll fuħħar domestiku, utensili użati fuq il-mejda tal-ikel impurtati mill-Italja u mill-Afrika ta' Fuq, vażetti żgħar tal-ħġieġ għall-fwejjaħ u l-mediċina, splenguni magħmulin mill-għadam, lampi taż-żejt u oġġetti użati għall-kitba.







> **"Żgur li fi Żmien ir-Rumani kien hawn villaġġi mxerrdin mal-Gżejjer Maltin. Nafu pereżempju li n-naħat taż-Żurrieq kienu abitati sew**

Żgur li fi żmien ir-Rumani kien hawn villaġġi mxerrdin mal-Gżejjer Maltin. Nafu pereżempju li n-naħat taż-Żurrieq kienu abitati sew. Kittieba Rumani jfaħħru l-portijiet tajbin ta' Malta, il-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsaxlokk. Il-Port ewlieni kien dak ta' Marsaxlokk. Sibna pedamenti ta' mħażen Rumani taħt l-Għolja ta' Corradino (1768) b'mijiet ta' amfori fihom.

Xhieda li l-ekonomija ta' Malta għamlet progress fi żmien ir-Rumani huma numru ta' vilel rustiċi (tal-kampanja). Fdalijiet ta' vilel rustiċi nstabu l-Wardija, San Pawl Milqgħi, il-Bidnija, Ta' Żammitellu, l-Imselliet, il-Għargħur, l-Iklin, Marsaskala, Marsaxlokk, iż-Żejtun, Birżebbuġa, Ħal Kirkop, Ħal Far, Tad-Dawl (Imqabba), Ħal Millieri, Tas-Sittin, il-Fiddien, Għajn Tuffieħa, Ras il-Pellegrin u Ras ir-Raheb. Fil-maġġoranza ta' dawn il-vilel instabu għodod użati għall-għasir taż-żebbuġ (trapeta) jew għodod tal-biedja.

Barra li kien hawn il-Belt iffortifikata nstabu wkoll numru żgħir ta' torrijiet tondi li jmorru lura għaż-żminijiet Rumani u nbnew fit-3 Seklu W.K. Insemmu Ta' Ġawhar (Safi) Tal-Bakkari (Żurrieq) Tal-Wilġa (fl-Imqabba) Tas-Santi, Għajn Klieb (Rabat), Ta' Ċieda (San Ġwann).

Sibna bosta oqbra Rumani fir-Rabat. Insemmu Tal-Virtù, Ħal Pilatu, Ħal Bajada u l-Imtarfa. Bosta ġew imniffda biex ingħaqdu mal-Ipoġea, il-katakombi tal-ewwel Insara. L-ikbar Ipoġea miżmuma huma dawk ta' San Pawl u Sant'Agata fir-Rabat. Però hemm oħrajn importanti ż-Żurrieq, Ħal Resqun (il-Gudja) Tal-Mintna (Imqabba) Tal-Barrani. F'dawn il-katakombi nsibu tpenġija ta' simboli Nsara bħall-ħuta u s-salib, il-pellikan u xi mejda għall-ikla Ewkaristika magħrufa bħala agape.

Marbuta ħafna maż-żmien tar-Rumani f'Malta hija l-ġrajja ta' San Pawl. Skont l-Atti tal-Appostli, San Pawl ġie f'Malta meta x-xini li kien fuqu nqabad f'maltempata kbira, l-istess xini kellu jieħu lil San Pawl bħala priġunier biex jidher quddiem l-Imperatur Ruman peress li hu kien ċittadin Ruman. Fdalijiet li għandhom rabta ma' din il-ġrajja kif ukoll mal-istorja Rumana f'pajjiżna, huma l-Grotta ta' San Pawl li tinsab ir-Rabat, fejn jingħad li San Pawl għex, ippritka u fejjaq fit-tliet xhur li dam hawn. Hemm ukoll Għajn Rażul, li l-leġġenda tgħid kif San Pawl ħareġ l-ilma mill-blat biex għammed lill-ewwel Insara. Fl-aħħar insemmu wkoll il-Gżejjer ta' San Pawl, jinsabu f'San Pawl il-Baħar li x'aktarx jinsabu fejn sar in-Nawfraġju tiegħu.